IL-KUMMISSJONI
EWROPEA

Brussell, 14.4.2021
COM(2021) 176 final

RAPPORT TAL-KUMMISSJONI LILL-PARLAMENT EWROPEW U LILL-KUNSILL

dwar l-eżerċizzju tas-setgħa mogħtija lill-Kummissjoni li tadotta atti delegati skont ir-Regolament (UE) Nru 70/2012 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-18 ta' Jannar 2012 dwar il-prospetti statistiċi fir-rigward tat-trasport tal-merkanzija bit-triq

RAPPORT TAL-KUMMISSJONI LILL-PARLAMENT EWROPEW U LILL-KUNSILL

dwar l-eżerċizzju tas-setgħa mogħtija lill-Kummissjoni li tadotta atti delegati skont ir-Regolament (UE) Nru 70/2012 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-18 ta' Jannar 2012 dwar il-prospetti statistiċi fir-rigward tat-trasport tal-merkanzija bit-triq

1. INTRODUZZJONI

L-Artikolu 3(4) tar-Regolament (UE) Nru 70/2012 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill[1] jagħti s-setgħa lill-Kummissjoni biex, meta meħtieġ, tadotta atti delegati f'konformità mal-Artikolu 8 biex:

- taġġorna l-Parti 1 tal-Anness I, unikament biex jitqiesu l-iżviluppi ekonomiċi u tekniċi, għajr xi modifiki fin-natura fakultattiva tal-informazzjoni meħtieġa;
- tadatta l-Annessi II sa VII biex tqis żviluppi ekonomiċi u tekniċi.

Skont l-Artikoli 3(4), tal-istess Regolament, meta teżerċita dik is-setgħa, il-Kummissjoni trid tiżgura li l-atti delegati li tadotta ma jkunux jimponu piż amministrattiv addizzjonali sinifikanti fuq l-Istati Membri jew fuq ir-rispondenti.

2. BAŻI ĠURIDIKA

Skont l-Artikolu 8(2) tar-Regolament (UE) 70/2012, is-setgħa tal-adozzjoni ta' atti delegati msemmija fl-Artikolu 3(2) tingħata lill-Kummissjoni għal perjodu ta' ħames (5) snin mit-23 ta' Frar 2012. Id-delega tas-setgħa tiġi estiża b'mod taċitu għal perjodi ta' ħames (5) snin, sakemm ma jkunx hemm oppożizzjoni għal din l-estensjoni min-naħa tal-Parlament Ewropew jew tal-Kunsill.

Il-Kummissjoni trid tfassal rapport rigward id-delega tas-setgħa fi żmien disa' xhur qabel tmiem il-perjodu ta' ħames (5) snin.

Il-Kummissjoni ppreżentat l-ewwel rapport fl-2016[2]. Id-delega tas-setgħa ġiet estiża b'mod awtomatiku għal ħames (5) snin oħra minn Frar 2017 sa Frar 2022 għax il-Parlament u l-Kunsill ma rrevokawhiex skont l-Artikolu 8(3).

Dan ir-rapport jissodisfa l-obbligu tal-Kummissjoni li jitfassal it-tieni rapport dwar l-eżerċizzju tas-setgħa tagħha li tadotta atti delegati.

---

1 Ir-Regolament (UE) Nru 70/2012 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-18 ta' Jannar 2012 dwar prospetti tal-istatistika rigward it-trasport ta' merkanzija bit-triq (ĠU L 32, 3.2.2012, p. 1).

2 Rapport tal-Kummissjoni lill-Parlament Ewropew u lill-Kunsill dwar l-eżerċizzju tas-setgħa li tadotta atti delegati li l-Kummissjoni ngħatat skont ir-Regolament (UE) Nru 70/2012 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-18 ta' Jannar 2012 dwar prospetti tal-istatistika rigward it-trasport ta' merkanzija bit-triq (COM(2016) 562 final, 12.9.2016).

3. EŻERĊIZZJU TAD-DELEGA

Il-Kummissjoni għadha ma eżerċitatx is-setgħa li tadotta atti delegati kif mogħti lilha permezz tar-Regolament (UE) Nru 70/2012.

Il-Kummissjoni tiddiskuti regolarment mal-Istati Membri dwar titjib possibbli fl-istatistika tat-trasport tal-merkanzija bit-triq, fil-kuntest ta' żviluppi tekniċi u rekwiżiti ekonomiċi, ambjentali u soċjetali ġodda. Il-Kummissjoni, flimkien mal-Grupp ta' Esperti dwar l-Istatistika tat-Trasport tal-Merkanzija bit-Triq u l-Grupp ta' Koordinazzjoni għall-Istatistika dwar it-Trasport, jikkunsidraw titjib fl-istatistika tat-trasport tal-merkanzija bit-triq, filwaqt li jqisu l-kostijiet u l-piżijiet potenzjali fuq il-pajjiżi u fuq ir-rispondenti.

Il-ħtiġijiet statistiċi fil-kuntest tal-Istrateġija ta' Mobbiltà Sostenibbli u Intelliġenti[3] u l-inizjattivi ta' politika stabbiliti fil-Komunikazzjoni tal-Kummissjoni dwar il-Patt Ekoloġiku Ewropew[4] jistgħu jeżiġu li l-Kummissjoni tadotta atti delegati biex tadatta l-Annessi msemmija qabel tar-Regolament (UE) Nru 70/2012 għall-iżviluppi ekonomiċi u tekniċi u ttejjeb il-monitoraġġ tal-miri u x-xejriet tal-politika.

4. KONKLUŻJONIJIET

Il-Kummissjoni għadha ma eżerċitatx is-setgħa li tadotta atti delegati skont ir-Regolament (UE) Nru 70/2012.

Il-Kummissjoni jidhrilha li jenħtieġ jibqa' jkollha dawn is-setgħat delegati għax jaf ikollha bżonn tadotta atti delegati fil-futur biex tappoġġa l-iżviluppi fl-istatistika tat-trasport tal-merkanzija bit-triq.

[3] COM(2020) 789 final.

[4] COM(2019) 640 final.